FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 12 ta' Ottubru, 2001**

**Numru 23**

**Avviz. numru 823/01JR**

**Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma f'isimha proprju u ghan-nom ta' l-Enemalta**

**vs**

**Francis Ebejer**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-27 ta' Awissu, 2001, fejn intalab il-hlas ta' sitta u disghin lira Maltija u sebgha u ghoxrin centezmu (Lm96.27), kontijiet pendenti ghall-konsum ta' l-elettriku u kera ta' meter ta' l-elettriku fil-fond 103, Triq D'Argens, Msida, ghall-perjodu bejn id-19 ta' Gunju, 1985 sat-3 t'April, 1987 skond il-kont numru 350/01682(1) u d-dokumenti annessi (WSC1 u WSC2);**

**Bl-ispejjez, inkluzi tmien liri u hamsin centezmu (Lm8.50) spejjez ta' l-ittra ufficjali tad-9 ta' Settembru, 1996, u bl-imghax kummercjali kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra li l-konvenut debitament notifikat baqa' ma deherx u lanqas ma pprezenta risposta fir-rigward.**

**Semgha x-xhieda ta' Dr. Guido Pace Spadaro ghall-Korporazzjoni attirici li kkonferma li l-ammont intier ghadu dovut. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant, peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata u wara li ra l-Art.13(b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-Korporazzjoni attrici l-ammont ta' sitta u disghin lira Maltija u sebgha u ghoxrin centezmu (Lm96.27), bl-imghaxijiet legali mid-9 ta' Settembru, 1996.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tad-9 ta' Settembru, 1996, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il- Ligi.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**